VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,818, 30 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 183 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara, ħlief għall-ordinament 3 li għandu jkun applikabbli mill-24 ta' Marzu, 2017, 'l quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà " tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – fil-qasam rilevanti;

"il-Kors" tfisser il-programm ta'studju li jwassal għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. Minbarra li jkollhom grad tal-ewwel ċiklu miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II kif indikat għal kull qasam fl-ordinament 6, l-applikanti:

(a) għandhom jissottomettu Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija skont l- Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta; u

(b) m'għandhomx ikunu inklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (a) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (a) l-applikanti li jagħżlu l-qasam tal-Edukazzjoni tat-Tfal fl-Età Bikrija u Primarja għandu jkollhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(i) grad tal-ewwel ċiklu fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija; jew
(ii) grad tal-ewwel ċiklu b'qasam ta' studju prinċipali li huwa suġġett relatat direttament għal mill-anqas suġġett wieħed mgħallem bħala parti mill-Kurrikulu tal-Edukazzjoni Primarja; jew
(iii) grad tal-ewwel ċiklu b'qasam ta' studju prinċipali f'qasam relatat mal-iżvilupp tal-bniedem/tat-tfal jew mat-tfulija;"

6. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(b) l-applikanti li jagħżlu l-qasam tal-Edukazzjoni Sekondarja fl-oqsma ta' tagħlim li ġejjin għandu jkollhom dan li ġej:"

7. Is-sotto-paragrafu (i) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(i) għall-**Għarbi**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fl-Għarbi;"

8. Is-sotto-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mil-ġdid bħala s-sotto-paragrafu (ii).

9. Is-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala s-sotto-paragrafu (iii) u minfloku għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) għall-**Computing (inkluż l-Information Technology u l-Vocational Education & Training IT)**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-Computer Science, fl-Information Systems jew fil-Computer/Communications Engineering, li għandhom jinkludu taqsimiet studju f'dawn l-oqsma li ġejjin biex jiżguraw bażi ta' għerf wiesgħa biżżejjed fis-suġġett: Programming f'livell ogħla minn dak introduttorju f'xi lingwa avvanzata tal-ipprogrammar, Computer Logic and Organisation, Database Management Systems, Systems Analysis and Design, Data Structures and Algorithms, u Operating Systems, sakemm li l-applikanti li ma jkunux temmew taqsimiet studju f'dawn l-oqsma kollha iżda li jkunu temmew b'suċċess taqsimiet studju f'mill-inqas erbgħa minn dawn l-oqsma jistgħu jidħlu wkoll fil-Kors iżda jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju supplimentari kif indikat fl-ordinament 7 f'oqsma li ma jkunux segwew matul il-grad li għamlu qabel;"

10. Is-sotto-paragrafu (iv) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (iii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(iv) għad-**Design and Technology (inkluż il-Vocational Education & Training Engineering Technology)**: grad tal-ewwel ċiklu fit-Technical Design and Technology;"

11. Is-sotto-paragrafi (iii) u (iv) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala s-sotto-paragrafi (v) u (vi).

12. Is-sotto-paragrafu (vii) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (vi) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(vii) għall-**European Studies**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fil-European Studies;"

VERŻJONI ELETTRONIKA

13. Is-sotto-paragrafi (v) sa (vii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala s-sotto-paragrafi (viii) sa (x).

14. Is-sotto-paragrafu (xi) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (x) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(x) għall-**Home Economics**: grad tal-ewwel ċiklu fil-Home Economics;"

15. Is-sotto-paragrafi (viii) sa (xvi) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala s-sotto-paragrafi (xii) sa (xx).

16. Is-sotto-paragrafu (xxi) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (xx) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(xxi) għall-**Vocational Education & Training fil-Hospitality, Health and Social Care, Agribusiness, Textiles and Fashion, Hairdressing and Beauty, Media Literacy, Artisanship, Construction, jew Retailing**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS f'qasam ta' studju rilevanti."

17. Minflok il-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) l-applikanti li jagħżlu l-qasam tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja fl-oqsma ta' tagħlim li ġejjin għandu jkollhom dan li ġej:"

18. Minflok is-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) għall-**Ethics Education**: grad tal-ewwel ċiklu fi kwalunkwe qasam;"

19. Il-paragrafu (d) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (ċ) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(d) Għall-oqsma ta' tagħlim tal-Edukazzjoni Sekondarja, jew tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja, ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi (b) u (ċ) jistgħu jiġu sodisfatti permezz ta' preżentazzjoni ta' kwalifiki li l-kontenut tagħhom ikun meqjus bħala komparabbli, mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, mar-rekwiżiti meħtieġa."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

20. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"**It-Taqsimiet Studju Supplimentari u l-Programmi Preparatorji**

7. (1) F'każijiet fejn l-applikanti għandhom nuqqas ta' għarfien essenzjali f'oqsma partikolari fil-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom, il-Bord jista' jeħtieġ li l-istudenti jsegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari tal-Livell 4 jew anqas sa massimu ta' 12-il krettu ECTS.

(2) L-applikanti bi grad tal-ewwel ċiklu jew b'diploma li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għad-dħul kif speċifikat fl-ordinamenti 5 u 6 (a), (b) u (ċ), jistgħu jiġu kkunsidrati biex jidħlu fil-Kors jekk itemmu b'suċċess Programm Preparatorju kif indikat mill-Bord, li jinkludi mhux aktar minn 60 krettu ECTS,
sakemm li l-applikanti li għandhom diploma għandhom juru t-tagħlim miksub permezz ta' esperjenza preċedenti u ċertifikazzjoni skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-*University Policy for the Recognition and Accreditation of Prior Learning*."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

21. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

9. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

22. L-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 10.

23. Il-paragrafi (2), (3) u (4) għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li qegħdin isegwu l-qasam ta' studju tal-Edukazzjoni tat-Tfal fl-Età Bikrija u Primarja, u li meta daħlu fil-Kors ma kellhomx ċertifikati fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, ikunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors jew korsijiet ta' profiċjenza approvati mill-Bord fil-Malti u/jew fl-Ingliż (kif applikabbli) qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dawn ir-rekwiżiti. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

(3) L-istudenti li qegħdin isegwu l-qasam ta' studju tal-Edukazzjoni Sekondarja, jew tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja, u li meta daħlu fil-Kors ma kellhomx ċertifikati fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, ikunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors jew korsijiet ta' profiċjenza approvati mill-Bord fil-Malti u/jew fl-Ingliż (kif applikabbli) qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dawn ir-rekwiżiti. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

(4) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Fakultà tista' teżenta student milli jsegwi r-rekwiżiti addizzjonali msemmija fil-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-ordinament, sakemm li f'dawn is-sitwazzjonijiet l-istudent ikun meħtieġ jissodisfa rekwiżiti oħra kif determinat mill-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

24. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk qegħdin isegwu Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru."

Iż-Żieda tal-ordinament 18 tal-ordinamenti prinċipali

25. L-ordinament 18 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 17 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

18. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."